DEED POLL

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2019**

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Guramentat Numru : 88/2018/LSO**

**Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-imsemmija Jonathan Philip Briscoe White (ID 212496M) u Patrick Leonard Briscoe White, (ID 214296M) datat 1 ta’ Frar 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-esponenti huma wlied Neil Robert Briscoe White (ID2000258P) u martu Karen Briscoe White (ID 021649M).

Illi r-rikorrenti Johnathan Philip Briscoe White twieled fit-12 ta' Settembru 1985 fir-Renju Unit u huh ir-rikorrenti Patrick Leonard Briscoe White twieled fis-7 ta' Dicembru 1986 fir-Renju Unit u f’ dak il-mument huma kienu gew registrati taht il-kunjom "White" (Dokument ASBW1 u ASBW2).

Illi sussegwentment kif tippermetti s-sistema legali ta' dak il-pajjiz sija Neil Robert, il-missier kif ukoll iz-zewg ulied rikorrenti permezz ta' "deed poll" registrat fit-12 ta' Settembru 1995 indikaw u r-registraw li l-kunjom taghhom huwa "Briscoe White" (Dokument ASBW3 u ASBW4).

Illi minn dik il-gurnata r-rikorrenti kif jindikaw d-dokumenti hawn esebiti sija fir-Renju Unit kif ukoll f’dawn l-gzejjer uzaw, zammew u huma maghrufa bil-kunjom ta' "Briscoe White" (Dokumenti ASBW5)

Illi r-rikorrenti gew sussegwentement naturalizzati bhala cittadini Maltin it-tnejn fil-jum tad-9 ta' Ottubru 1995 pero' gew indikati fic-certifikati rispettivi bhala "White known as Briscoe White" (Dokumenti ASBW) u hekk registrati fil-karta tal-identita' taghhom.

Illi aktar tard l-imsemmi missier Neil Robert Briscoe White (ID 2000258P) gie huwa wkoll naturalizzat bhala cittadin Malti fit-22 ta' Ottubru 2004 pero` huwa bil-kunjom ta' "Briscoe White" u ghalhekk l-kunjom ta' missier r-rikorrenti huwa indikat differentement minn taghhom li huma wliedu.

Illi r-rikorrenti baqghu kif inghad maghrufa sal-lum bil-kunjom ta' "Briscoe White" kif hawn indikat u kif ghandu jirrizulta mill-provi li jigu prodotti f'dawn l-proceduri.

Illi *stante* li r-rikorrenti Johnathan Philip Briscoe White kien ser jiehu l-istat tieghu fil-11 ta' Lulju 2017 huwa pprezenta rikors quddiem l-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili jitlob li c-certifikat tat-twelid tieghu kif registrat jigi korrett minn "White known as Briscoe White" ghal "Briscoe White" liema talba b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2017 giet michuda u l-istess Qorti ddikjarat ruhha inkompetenti salv id-dritt tar-rikorrenti li jipprocedi quddiem Qorti ohra ta' kompetenza ordinarja "*si et quatenus".*

**Raguni ghall-kawza.**

Illi r-rikorrenti l-ewwel ilhom hajjithom igibu fl-atti civili taghhom l-kunjom ta' Briscoe White u t-tieni kif inhija l-pozizzjoni illum ghandhom kunjom differenti minn ta' missierhom u ghalhekk ghandhom interess li jigi dikjarat u deciz li huma uzaw dan il-kunjom bhal missierhom u li jidhol dan debitament fic-certifikat tat-twelid rispettiv taghhom.

Talbiet:

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Qorti ma ghandhiex previa kwalunkwe provediment li thoss opportun, senjatament l-hrug ta' avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi tordna l-pubblikazzjoni relattiva fil-Gazetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il-jum (15) qabel s-smigh tal-kawza :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li huma ghandhom igibu l-istess kunjom bhal missierhom Neil Robert Briscoe White u cioe' "Briscoe White",

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmija rikorrenti giebu u huma maghrufa bhala "Briscoe White";

3. Tiddikjara u tiddeciedi li ghall-effetti kollha tal-ligi ghandhom jidhlu l-annotamenti u korrezzjonijiet necessarji fl-atti tat-twelid taghhom sabiex jigu indikati bhala "Briscoe White" u mhux iktar bhala "White known as Briscoe White";

4. Illi l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannota u jikkoregi fl-atti tat-twelid taz-zewg rikorrenti billi fil-kolonna intestata "isem u kunjom" ta' missier tat-tarbija, kunjom il-missier jitnizzel bhala "Briscoe White" u mhux "White known as Briscoe White";

5. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri Olivia White ghandha ggib l-istess kunjom bhal missierha u missier missierha u cioe` Briscoe White;

6. Tiddikjara u tiddeciedi li ghall-effetti kollha tal-ligi ghandhom jidhlu l-annotamenti u korrezzjonijiet necessarji

fl-att ta-twetid ta' Olivia White sabiex tigi indikata bhala 'Briscoe White' u mhux iktar bhala White;

7. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannata u jikkoregi fl-atti tat-twelid ta' Olivia White billi fil-kolonna intestat 'isem u kunjom' tal-missier tat-tarbija, kunjom il-missier u cioe` Jonathan Philip jitnizzel bhala 'Briscoe White' u mhux 'White';

Bl-ispejjes il-konvenuti mharka ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Marzu 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 9 ta' Marzu 2018 (fol 40) fejn Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri;

2. Illi bla pregudzzju ghas-suespost preliminarjament huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti jitlobu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li dan ghandu jidher bhala *'Jonathan Philip White (ID 212496M) u Patrick Leonard White (ID 214296M)'* u mhux bhala

*'Jonathan Philip Briscoe White (ID 212496M) u Patrick Leonard Briscoe White (ID 214296M)', stante* li l-kunjom 'Briscoe White'  ma jirrizultax mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jgibu n-numru 2124 tas-sena 1996 u 2142 tas-sena 1996 rispettivament;

3. Illi bla pregudizzju ghal premess, kif inhuma dedotti t-talbiet numru 3 u 4 fir-rikors guramentat, prezentament ma jistghux jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti *stante* li fl-istess talbiet gie mnizzel li l-kunjom '*White known as Briscoe White'* ghandu jkun sostitwit bil-kunjom *'Briscoe White',* u dan meta l-kunjom '*White known as Bricoe White'* lanqas biss jappartjeni lill-atturi, ghaliex skont l-Atti tat-Twelid taghhom sia tal-Ingilterra u kif ukoll dak Malti, l-atturi mat-twelid assumew il-kunjom *'White*';

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

5. Illi r-registrazzjoni tal-Atti tat-Twelid Maltin tal-atturi, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2', saru skont Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan l-istadju l-esponenti tissottometti illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont dik l-informazzjoni misjuba fl-Atti tat-Twelid Esteri li gew pprovduta lill-esponenti *ai fini* ta' registrazzjoni, liema dokumenti jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 3' u 'Dok DRP 4', rispettivament;

6. Illi *stante* s-suespost, l-esponenti umilment tirrileva li ghaldaqstant ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

7. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottolineja illi *deed polls* ma humiex regolati fil-ligi nostrana. *Nonostante* dan, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti ser tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

8. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 5 ta’ Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza qabel il-hin dehret Dr Stephanie Ellul. Il-Qorti rat li l-intimat irrimetta ruhu ghat-talba maghmula bir-rikors tas-6 ta’ Dicembru2018. Dr Ellul infurmat lill-Qorti li ser tkun okkupata fuq xoghol iehor fin-12:30p.m. izda f’kaz li ma jittresqux provi godda hija tistrieh fuq il-provi diga` esebiti. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza fil-hin dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr Luana Bezzina. Il-Qorti rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 6 ta’ Dicembru 2018, u ordnat korrezzjoni fir-rikors guramentat fit-termini tal-artikolu 175

tal-Kap 12, u ghal kull buon fini ordnat il-korrezzjoni tar-rikors guramentat kif korrett. Dr Bezzina ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Marzu 2019 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-28 ta' Marzu 2019 fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghat-30 ta' April 2019.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza istitwita *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-Pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament fil-5 ta' Frar 2018 (fol 36).

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat din il-Qorti kontestwalment ma' din is-sentenza qed tiddekreta sabiex tilqa' t-talba u tordna l-korrezzjoni fl-okkju kif reccepit mill-intimat.

**Il-fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Illi r-rikorrenti, ulied Neil u Karen Briscoe White twieldu fir-Renju Unit; Jonathan Philip Briscoe White twieled fit-12 ta' Settembru 1985 u huh Patrick Leonard Briscoe White twieled fis-7 ta' Dicembru 1986, DOK ASBW1 u DOK ASBW2, u f'dak il-mument gew registrati bhala "White". Jirrizulta, li sussegwentement, permezz ta' "deedpoll" registrat fit-12 ta' Settembru 1995, Dok ASBW5, il-genituri tar-rikorrenti Neil u Karen indikaw li l-kunjom

taghhom, hu registrat bhala "Briscoe White". Illi meta l-ġenituri Neil u Karen gew jirrisjedu Malta flimkien ma' wliedhom, ir-rikorrenti gew naturalizzati bhala cittadini Maltin fid-9 ta' Ottubru 1995, Dok ASBW11 izda gew indikati fic-certifikati rispettivi taghhom, bhala "White known as Briscoe White" mhux "Briscoe White". Illi meta aktar tard missierhom Neil gie naturalizzat bhala cittadin Malti, fit-22 ta' Ottubru 2004, DOK ASBW12, huwa gie indikat bil-kunjom "Briscoe White". Ghalhekk, minhabba l-anomalija fil-kunjom tal-genituri u tal-ulied, u anke minhabba l-fatt li John Philip White izzewweg f'Malta u martu u bintu mhumiex indikati bhala "Briscoe White", ir-rikorrenti pprocedew bil-kaz odjern.

**Provi:**

**John Philip White** xehed permezz ta' affidavit (fol 54) qal li hu mwieled l-Ingliterra fit-12 ta' Settembru 1985, u nizel Malta flimkien mal-genituri tiegu u ma' huh Patrick fl-1992, meta hu kellu biss tmien snin. Qal li l-genituri tieghu ddecidew li jghaqqdu l-kunjom "Briscoe" kunjom ommu xebba u "White" kunjom missieru. Semma li jaf li l-genituri tieghu kienu hadu hsieb jirregolaw dan b'*deedpoll*. Zied ighid li fl-1995 hu u huh Patrick saru cittadini Maltin, u hemmhekk tnizzlu bhala "White" known as "Briscoe White" meta huma diga kienu "Briscoe White". Qal li l-iskola u fl-istudji akkademici, u fil-hajja personali kien maghruf bil-kunjom "Briscoe White". Izda, minhabba l-problema tar-Registru Pubbliku f'Malta, hu u huh ghadhom imnizzlin bhala "White known as Briscoe White" u l-genituri taghhom, maghrufa huma indikati bhala "Briscoe White". Qal li apparti dik l-anomalija, illum huwa zzewweg f'Malta lil Stacey nee` Mangion, u kunjom martu u bintu li twieldet fl-2018, ghandhom il-kunjom "White known as Briscoe White."

**Patrick Leonard Robert White** xehed permezz ta' affidavit (fol 55-56) qal, li twieled fis-7 ta' Dicembru 1986, ghandu 31 sena u llum jahdem gewwa Londra. Spjega li ilu cittadin Malti mid-9 ta' Ottubru 1995. Qal li f'Settembru 1995, kunjom il-familja tieghu kien inbidel permezz ta' deedpoll, u permezz ta' dan it-tibdil il-genituri tieghu saru "Briscoe White". Qal li hu ilu maghruf bhala Patrick Briscoe White ghal aktar minn ghoxrin sena. Semma li fl-edukazzjoni tieghu f'Malta, mad-Dipartimenti Ufficjali f'Malta, u fuq ix-xoghol ghal perjodu ta' zmien li ghamel jahdem f'Malta hu dejjem kien maghruf bhala "Briscoe White." Zied ighid li minhabba din l-anomalija, fejn hu u huh mhumiex indikati bhala "Briscoe White", mhumiex qed ikunu indikati bl-istess kunjom bhall-genituri taghhom.

**Father Joseph Cini** xehed permezz ta' affidavit (fol 69) u qal li mindu sar responsabbli tal-kappella ta' St. Patrick's f'Tas-Sliema, f'Jannar 1998, fost in-nies li kienu jiffrekwentaw din il-knisja kien hemm il-familja Briscoe White, qal li ulied Neil u Karen Briscoe White anke ghamlu xi zmien abbatini fil-kappella. Zied ighid li kemm-il darba zar lill-familja Briscoe White fir-residenza taghhom, u jikkonferma li kemm ilu jaf lil din il-familja dejjem jafhom bhala Brisco White.

Illi c-certifikat tat-twelid inhareg mir-Registru Pubbliku f'Malta *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi:

"***244.*** *(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx*

*att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

**Dritt:**

Jinghad fl-ewwel lok, li l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi (artikolu 4(3) tal-Kap 16), u (artikolu 92 u 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li ebda wiehed minnhom ma jikkontempla t-thassir tal-kunjom tal-missier li huwa l-ewwel kunjom trasmess in linea ta' dixxindenza paterna u abbazi ta' liema jigi stabbilit il-kunjom tal-familja. Dwar dan hemm kawzi fil-gurisprudenza nostrana li tennew dan l-insenjament.[1]

Illi huwa minnu wkoll li recentement, il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili.[2]

Illi dwar ir-rikonoxximent tad-"deed poll", f'kaz simili ghal dak taht ezami, **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru**

---

[1]Ara **Damien Damien Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, **John Zammit noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku** P.A. deciza fit-2 ta' Marzu 1994

[2] Ara **Jason Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku** P.A. (JRM)- 24 ta' Ottubru 2002; **Leonard Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) – 21 ta' Marzu 2002; u **J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, app Civ. Deciz fit-2 ta' Marzu 1994

**Pubbliku**, gie ribadit hekk mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2011:

*"Illi ghal dak illi jirrigwarda d-"deed poll", ghalkemm din mhijiex debitament awtentika il-Qorti tara illi gie ppruvat illi l-Awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-"deed poll" u hargu l-passaport tal-attur b'kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f'isem l-attur ... bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi."*

F'dak il-kaz il-Qorti tal-Appell kompliet:

*"Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma gietx esebita kopja ufficjali ta' dan l-hekk imsejjah "deed poll", u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi … … … … Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu l-passaport fuq l-attur bil-kunjom Mallia ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan."*

*"Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-"deed poll" u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda tal-effetti ta' dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza. Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b'rizultat ta' dak id-"deed poll" saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx 'proof of foreign law', f'dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta' dik id-deed poll. Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont principji ta' dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-prezunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija. Fil-fatt fil-kawza* ***Saliba vs Lawson****, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932, intqal li:*

*‘chi invoca in un giudizio l’applicazione di una legge straniera assume l’onore della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge; mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.’*

*“Taht il-ligi Maltija wiehed ma jistax jirrinunzja ghall-kunjom u jadotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-“deed poll” jitqies null. Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li taht il-ligi Ingliza dak id-dokument hu validu u ghandu l-effetti li jippretendi.”*

Il-Qorti mbaghad ikkonkludiet:

*“Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom ‘Mallia’, kieku saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta’ registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta’ din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur.”*

(Ara wkoll f'dan is-sens **Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti kif hekk presjeduta fis-16 ta' Lulju 2015).

Ghalhekk, mill-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jirrizulta li biex jirnexxi u l-Qorti tkun tista’ tirrikonoxxi *deed poll* f’pajjiz esteru, trid issir il-prova mir-rikorrent li sar id-*deed*

*poll,* u tingieb prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u li saret xi forma ta' registrazzjoni.

**Applikazzjoni ghall-kaz in ezami:**

Fil-kaz odjern, jirrizulta li l-genituri tar-rikorrenti, kif ukoll ir-rikorrenti permezz ta' 'deedpoll' registrat fir-Renju Unit fit-12 ta' Settembru 1995, ottjenew bdil fil-kunjom taghhom minn White ghal Brisco White. Illi r-rikorrenti, ulied Neil Robert Briscoe White u Karen Briscoe White, twieldu fir-Renju Unit, u gew jirrisjedu f' Malta fl-1995, fejn gew naturalizzati bhala cittadini Maltin. Jirrizulta li anke l-missier Neil Robert Briscoe White gie naturalizzat bhala cittadin Malti kif jidher minn Dok ASBW12. Illi r-rikorrenti tnizzlu bhala White k/a Briscoe White filwaqt li l-missier Neil Robert tnizzel bhala Briscoe White.

Ir-rikorrenti esebew l-original tad-'deedpolls' kollha datati 12 ta' Settembru 1995, u giet ipprezentata wkoll 'legal opinion' rigward id-'deedpoll'. Fil-*legal opinion*, gie sostnut, li d-*deed polls* kienu ffirmati u pprezentati, kif titlob il-ligi fir-Renju Unit.[3] Inoltre`, kkonferma li d-*deedpolls* li saru ta' Neil Robert, Jonathan Philip, u Patrick Leonard, gew segwiti mill-hrug ta' passaporti fir-Renju Unit bil-kunjom "Briscoe White.", kif jidher mid-dokumenti annessi mal-*legal opinion* Dok K, Dok L, Dok M. Dawn id-dokumenti huma datati 13 ta' Gunju 2018 u saru skont kif rikjest bil-Ligi. Skont din l-opinjoni, hija possibbli fir-Renju Unit ghal kull individwu li jbiddel ismu u kunjomu kif garantit bl-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.** Huwa jghid:

[3] Fol 83

'*For the avoidance of any doubt, under the law of this country, the deed polls relating to Neil, Jonathan and Patrick are all valid legal documents and are as legally relevant as they were when they were executed in September 1995....The purpose of the deed poll is to evidence a change of name which can be relied upon to alter said name in an official document, such as a passport."* L-effett tad-*deed poll* ma jiddependix minn xi process ta' registrazzjoni.

Ghalhekk, in sostenn ghat-talba taghhom, ir-rikorrenti pprezentaw dokumenti ufficjali esteri sabiex juru li l-kunjom "Briscoe White" gie rikonoxxut kif mibdul permezz tad-deedpoll fir-Renju Unit. Inoltre`, r-rikorrenti, pprezentaw ukoll sensiela ta' dokumenti mar-rikors promotur, fejn jidher li fiz-zmien li huma kienu jirrisjedu f'Malta, kienu maghrufin anke f'diversi dokumenti skolastici bhala "Briscoe White". *Di piu`*, jirrizulta ppruvat, li l-kunjom gie rikonoxxut kif mibdul permezz tad-*deedpoll*, billi gew riflessi fil-passaporti mahruga mir-Renju Unit fl-2018, dan ghaliex skont il-gurisprudenza tal-Qrati Taghna, jehtieg jigi ppruvat mhux biss li sar id-*deedpoll*, imma l-prova tal-validita` u tal-effetti tieghu skont il-Ligi Ingliza, u din il-prova saret.

Ikkunsidrat li l-provi prodotti jissodisfaw ir-rekwiziti legali ghar-rikonoxximent tad-"deed poll" li sar fir-Renju Unit. Izda jirrizulta mill-opinjoni legali li c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti ma jinbidilx b'effett tad-*deed poll.*

Madanakollu r-registrazzjoni kkontemplata bl-**artikolu 244 tal-Kap 16** kif inhi l-istat tal-ligi taghna llum tikkontempla biss ir-regisrazzjoni ta' att tat-twelid, li, f'dan il-kaz, ma giex mibdul b'effett tad-*deed polls.* Ma jigux registrati *deed polls* jew *statutory declarations* sabiex ibiddlu dak li jemani mill-

att tat-twelid mahrug minn awtorita' kompetenti barranija jekk dan it-tibdil ma jokkorrix fuq l-istess att tat-twelid b'effett tal-ligi estera. Difatti l-Qrati taghna, soddisfatti bil-prova tal-legalita' tad-*deed polls*, illimitaw ruhhom biex jordnaw annotazzjoni fic-certifikat biex tirrifletti l-kunjom kif mibdul izda mhux korrezzjoni.

Ikkonsidrat ukoll li r-rikorrenti huma cittadini Maltin u skont l-**artikolu 257 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** (b' ammenda introdotta permezz tal-Att XXIII tas-sena 2017) li taghti lill-cittadini Maltin id-dritt li japplikaw lill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabiex isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa "*fejn ir-reġistrazzjoni ta' persuna bħala ċittadin ta' Malta ssir jew tkun se ssir abbażi tal-isem u, jew il-kunjom li jkunu jidhru fl-att tat-twelid ta' dik il-persuna u din ir-reġistrazzjoni tkun tista' tagħti lok għall-ħolqien ta' identita` doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identita` ta'dik il-persuna peress illi dik il-persuna ma tkunx għadha reġistrata b'dak l-isem u, jew il-kunjom fl-atti uffiċjali ta' pajjiż ieħor" .*

Illi din l-ammenda terga' tuza l-kelma *annotazzjonijiet* u mhux korrezzjoni.

Illi dan premess, din il-Qorti taqbel ma' dak eccepit, li r-registrazzjoni saret skont l-artikolu 244 tal-Kap 16. Ghalhekk, ma sarx zball da parti tal-intimat, kwindi d-Direttur intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi**, billi anke fit-termini tal-**artikolu 257 tal-Kodici Civili ta' Malta** tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom igibu l-istess kunjom bhal missierhom Neil Robert Briscoe White u cioe` "Briscoe White".

2. Tilqa t-tieni talba u tiddikjara li l-imsemmija rikorrenti huma konsistentement maghrufa bhala "Briscoe White."

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti, sabiex jigu indikati bil-kunjom "Briscoe White."

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att taz-zwieg ta' Jonathan Philip Briscoe White, billi kunjom il-missier jitnizzel bhala "Briscoe White" mhux "White known as Briscoe White."

5. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri Olivia White ghandha ggib l-istess kunjom bhal missierha u missier missierha u cioe` Briscoe White;

6. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara u tiddeciedi li ghall-effetti kollha tal-ligi ghandhom jidhlu l-annotamenti kollha necessarji fl-att ta-twelid ta' Olivia White sabiex tigi indikata bhala 'Briscoe White' u mhux iktar bhala White;

7. Tilqa' s-seba' talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannota l-att tat-twelid ta' Olivia White billi fil-kolonna intestat 'isem u kunjom' tal-missier tat-tarbija, kunjom il-missier u cioe` Jonathan Philip jitnizzel bhala 'Briscoe White' u mhux 'White'.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li l-annotazzjonijiet hawn fuq ordnati jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll referenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

Tawtroizza lir-rikorrenti sabiex jirtiraw l-original tad-'deed poll' esebiti in atti *animo ritirandi*.

Tissollecita lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu konjizzjoni l-implikazzjonijiet tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** ghall-fini tas-sistema ta' ligi ordinarja vigenti li tirregola t-tibdiliet fil-kunjomijiet.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April 2019**